MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 148/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**Vs**

**Angel Attard**
**Omissis**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**a) fil-Marsa, nhar l-14 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.30 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, kkommetta serq ta' somma flus ta' aktar minn tletin elf lira Maltin (Lm 30,000) mill-fergha tal-HSBC sitwat fi Cross Road, liema serq huwa kkwalifikat bil-**

**vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) li sar ghad-detriment ta' l-istess bank;**
**b) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lis-Security Guard tal-Bank, diversi mpjegati tal-istess Bank u persuni ohra kontra l-volonta' taghhom;**
**c) fl-istess data, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' arma tan-nar bin-numru serjali 26045 minn fuq il-persuna ta' Jesmond Agius, ufficjal numru 305 tal-Forzi Armati ta' Malta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, vjolenza w valur u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;**
**d) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellu fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;**
**e) f'Hal-Qormi nhar is-6 ta' Gunju, 2001 ghall-habta ta' l-10.40 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' somma flus ta' aktar minn ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) mill-fergha tal-Bank of Valletta sitwat f'Ta Farsina, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment ta' l-istess bank;**
**f) fl-istess data, lok, hin u cikrostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil PC 1420 Etienne Tabone u diversi impjegati tal-istess bank kontra l-volonta' taghhom;**
**g) fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' arma tan-nar bin-numru serjali B 25814 minn fuq il-persunt a' PC 1420 Etienne Tabone, liema serq huwa kkwalifiakt bil-mezz, vjolenza u valur;**
**h) fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;**

**i) f'San Giljan nhar il-15 ta' Lulju, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' madwar hamest elef lira Maltin (Lm 5000) mic-Change Mart Exchange Bureau liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau;**
**j) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu deitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;**
**k) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Angel Grech kontra l-volonta' taghha;**
**l) fil-Belt Valletta nhar is-17 ta' Awissu, 2001 ghall-habta ta' l-4.30 p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' aktar min ghoxrin elf lira Maltin (Lm 20,000) minn Coppini Exchange Bureau sitwat fi Triq il-Merkanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau;**
**m)fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Martin Coppini, Nadesh Cutajar u Godfrey Brincat kontra l-volonta' taghhom;**
**n) f'Hal Luqa, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2001 ikkommetta serq ta' vettura t'ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAC-334, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Joseph Fiott;**
**o) fil-Hamrun, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju, 2001 ikkommetta serq ta' vettura t'ghamlu Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni EAO-924, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin**

**(Lm 1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Adrian Fenech;**
**p) f'Haz-Zabbar, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Lulju, 2001 ikkommetta serq ta' mutur bin-numru GAN-346 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Karen Magri;**
**q) Akkuzat ukoll talli, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqgha ghandhu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;**
**r) Angel Attard wahdu akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Awissu, 2001, fil-Kalkara kkommetta serq ta' dghajsa liema serq huwa kkwalfikat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa w li sar ghad-detriment ta' Lawrence Mifsud;**
**s) Akkuzat ukoll talli fis-17 ta' Awissu, 2001 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. bhala persuna mizmuma jew meqjusa li kienet mizmuma, harab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu w kif ukoll talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(2), 280, 281, 334, 31, 22, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 3, 9, 19, 26 u 27 tal-Kap. 66, sabet lill-imputat Angel Attard hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt snin. Ai terminu tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 ordnat ukoll il-konfiska tal-van li jgib in-numru ta' registrazzjoni LAB 638 liema vettura ntuzat fil-hold up li sar fuq il-Coppini Exchange Bureau.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha
tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghac-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz u (b) tikkonfermaha fil-bqija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li l-periodu ta' karcerazzjoni ta' sitt snin impost fuqu kien esagerat;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena ta' sitt snin prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti .**

**Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara**. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jibda biex jghid li meta sehhew il-fatti inkriminanti hu kien ghadu kif ghalaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, eta' li fiha huwa facli li persuna taqa' f' cirku vizzjuz u kien assocja ma Taljan ta' karattru kriminali li hakem lill-appellant. Jghid ukoll li fis-serqiet kommessi ma ntuzat ebda arma regolari u ma wegga' hadd. Illi l-fatt li hu kien harab lill-Pulizija hu indikattiv ta' kemm l-appellant ma kienx fehem bizzejjed il-konsegwenzi ta' eghmilu, frott ta' immaturita'. Li din il-harba kienet wahda dovuta ghall-biza' li hakmitu mill-Pulizija. Li hu kkoopera waqt l-investigazzjoni w ta rakkont dettaljatissimu ta' l-involviment tieghu. Li din kienet l-ewwel avventura tieghu ghax il-fedina penali tieghu kienet wahda netta. Illi c-cirkostanzi personali w**

**socjali kif irrizultaw fil-process mehuda lkoll flimkien jindikaw li l-appellant ma kellux u m'ghandux inklinazzjonijiet kriminali li kienu jaghmluh ghadu tas-0socjeta' izda jindikaw li hu agixxa minnhabba immaturita' meta ma kienx qed jifhem u japprezza sew il-konsegwenzi ta' eghmilu. Illi l-appellant minn mindu bdiet il-kompilazzjoni 'l hawn, iddecieda li jigbor lilu nnifsu mit-tifrik u jibda hajja gdida . Stinka hadem u rsista biex issa hu ghandu mestjier sod ghal rasu fl-industrija tal-kostruzzjoni w mieghu ukoll ihaddem in-nies. Ghamel familja u ghandu zewgt itfal. Fil-kuntest ta' dan kollu hemm l-estremi legittimi sabiex ikun hemm temperament fil-piena u b' hekk tkun qed tigi amministrata gustizzja fi spirtu riabilitattiv.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jibda' biex jinghid li dawn il-fatturi kollha gja ttiehdu in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta tat is-sentenza elaborata w din xorta waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant, nonostante l-kondotta netta tieghu - precedenti ghal din is-serje kbira ta' hold-ups mertu ta' din il-kawza - kellu jigi sentenzjat ghall-piena karcerarja. Verament l-appellant ma jistax jigi konsidrat bhala "*first offender*" meta instab hati ta' sensiela ta' ghaxar serqiet, erba kazi ta' sekwestru ta' persuni, pussess ta' armi w reati sussidjarji ohra, mifruxa fuq periodu ta' sitt xhur tas-sena 2001. Kull wiehed minn dawn l-atti kriminuzi kien processabbli separatament u kien jirrendih passibbli ghall-piena karcerarja ghal kull wiehed minnhom. Hu diga bbeneifika mill-"*fictio juris"* tar-reat kontinwat ghall-fini ta' kalkolu tal-piena skond il-ligi, pero' li oltre dan jargumenta li hu *"first time offender*" ma jistax ireggi.**

**Illi tal-eta' ta' 23 sena l-appellant ma jistax jghaddi ta' zaghzugh immatur, specjalment jekk sa dak iz-zmien kien diga' jhaddem enterpriza zghira tal-kostruzzjoni bir-responsabbiltajiet li din l-azjenda kienet iggib maghha.**

**Illi kienu x' kienu l-isfondi familjari w socjali tal-appellant jidher li hu ma kienx xi wiehed fil-bzonn meta ddecieda li jirrikorri ghall-dawk li sejjhilhom "avventuri" kriminali, ghax skond hu ghall-inqas kien jahdem ghal rasu w ihaddem lin-nies fil-bini w dan ma setax jonqos li jirrendilu certu introjtu . B' dana kollu xorta wahda kif qalet l-Ewwel Qorti, ddecieda li forsi hemm modi aktar facli biex jaghmel il-flus u intefa' f' sensiela ta'** ***hold-ups*** **li holqu allarm socjali mhux zghir fis-socjeta' u li , kif qalet l-Ewwel Qorti x' aktarx li kellhom effett trawmatiku fuq nies innocenti li gew jew misruqa, jew issekwestrati jew mhedda bl-armi minnu. Dan il-komportament gravi w ripetut ma jistax ma jigbidx is-sanzjoni penali.**

**Umbaghad il-fatt li hu ammetta l-involviment tieghu f' dawn ir-reati ma jehilsux awtomatikament mill-kastig li timponi l-ligi. Apparti li l-Ewwel Qorti hadet il-fattur tal-ammissjoni ukoll in konsiderazzjoni, minkejja li quddiem l-Ewwel Qorti l-ammissjoni saret "wara trapass twil ta' zmien", tajjeb li wiehed jgharbel x' inhuma l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni skond il-gurisprudenza.**

**Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

“Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) <u>cases of ‘tactical plea’ , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence</u> , (**emfasi ta’ din il-Qorti)** and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Illi meta wiehed iqis li ghar-reati ammessi minnu, ukoll bl-applikazzjoni tal-beneficcju tar-reat kontinwat, l-appellant seta' wehel piena komplessiva li tissupera sew l-ghaxar snin prigunerija, jidher li l-Ewwel Qorti hadet dan il-fattur tal-ammissjoni w tatu l-piz li jixraqlu fic-cirkostanzi.**

**Illi umbaghad il-fatt li fil-frattemp l-appellant ifforma familja u ghandu t-tfal lanqas ma jwassal biex b' hekk hu jeludi s-sanzjoni preskritta mill-ligi ghar-reati minnu kommessi ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Tracey Borg" **[15.5.2003] :-**

*"Dwar l-… aggravju dwar il-piena mressaq mill-appellanti, din il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellanti, fil-mori ta' din il-kawza, ghazlet li jkollha t-tfal ghandu jinfluwixxi fuq il-piena. Kieku kellu jsir hekk , persuna taht process kriminali jew addirittura sentenzjata minn Qorti tal-ewwel grad, tista' facilment tirrikorri ghall-espedjent li jkollha t-tfal bil-ghan li tinkorri piena inqas harxa. Kullhadd irid jerfa' r-responsabbilta' ghall-azzjonijiet tieghu w d-decizjoni ta' persuna li jkollha jew ma jkollhiex tfal hija decizjoni personali li wiehed irid jizen b'responsabilta' w impenn konsidrati c-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata. Jekk xi hadd jiddeciedi li jkollu t-tfal meta jkun il-habs, hu jrid jerfa' l-konsegwenzi tal-agir tieghu w ma jistax jistenna' li xi Qorti toqghod tqis il-konsegwenzi ghall-prole li ma jkunx qies hu stess."*

**Jekk umbaghad l-appellant illum verament qed jahdem u jghix hajja ordinata, mhu qed jaghmel xejn specjali w straordinarju w differenti mill-maggoranza skjaccanti tal-poplu w b'daqshekk zgur li ma jistax jippretendi li ma jiskontax id-dejn li hu ghandu mas-socjeta' ghar-reati minnu kommessi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony sive Twanny Frendo**" [14.4.2005])**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------